*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,051, 23 ta' Diċembru, 1994*
*Taqsima B*

**A.L. 185 ta' l-1994**

## ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

### Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1994 dwar Żieda fil-Paga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tax-Xogħol, għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

**1.** Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1994 dwar Żieda fil-Paga.

Aġġustamenti għall-għoli tal-ħajja.

**2.** (1) Għandha titħallas mill-prinċipali fuq il-pagi ta' impjegati *whole-time* kollha b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1995, żieda għall-għoli tal-ħajja ta' mhux anqas minn Lm2.25ċ fil-ġimgħa u l-pagi ta' impjegati *whole-time* għandhom jiġu aġġustati skond hekk.

(2) Ammont ta' Lm13, ekwivalenti għal 50ċ fil-ġimgħa għal sitt xhur, għandu wkoll jitħallas mill-prinċipali f'somma waħda f'daqqa fl-aħħar ta' Marzu 1995 lill-impjegati *whole-time* kollha li jkunu fuq il-kotba tagħhom f'dik id-data. Din is-somma tkun rikuperabbli mill-fondi dovuti lill-Gvern bħala taxxa fuq l-*income* u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

Impjegati *part-time*.

**3.** Il-pagi ta' impjegati *part-time* għandhom b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1995 jiżdiedu *pro rata* b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas minn Lm2.25ċ diviża b'erbgħin.